Happy Parenting - Malta (For Happier Children)
committee@happyparentingmalta.com
(+356) 7760 3330

**Proposti 2022 għal Diskussjoni dwar Tibdil fil-Liġi u Titjib fil-Proċedura tal-Qorti tal-Familja mħejjija minn. Dr Ivan Sammut**

Dr Ivan Sammut, deputat Dekan fil-Fakultà tal-Liġi, fl-Università ta' Malta jisħaq li l-Qorti tal-Familja għandha bżonn investiment u aġġornament mill-aktar fis biex tkompli taqdi l-ħtieġa tal-poplu Malti. Ħafna ġenituri f'Malta ma jibqgħux jgħixu flimkien għal diversi raġunijiet, u ħafna darbi jkollhom jirrikorru għall-Qrati. L-iktar żewġ kwistjonijiet komuni li jqumu jirrigwardaw il-manteniment u l-aċċess għat-tfal. Jirriżulta minn diversi esperjenzi ta' ċittadini jew residenti Maltin li f'dawn il-kwistjonijiet, li min-natura tagħhom jistgħu joħolqu argumenti ħorox, l-istat Malti mhux armat biżżejjed biex jiffaċċja dawn it-tip ta' problemi.

Nieħdu, per eżempju, il-qasam tal-*parental alienation* fejn ġenitur bla ebda raġuni valida jċaħħad lill-ġenitur l-ieħor milli jara lil uliedu. Avukati li qed jitrattaw każ dwar tfal ġieli jġibu ruħhom qishom qed jiġġieldu dwar każ ta' valur ta' proprjetà.

## Proposta għal soluzzjoni fit-tul

HPM4HC qed tipproponi li titwaqqaf awtorità jew aġenzija li xogħolha tkun tistudja każijiet bħal dawn u tiddetermina jekk il-manteniment hux dovut jew le, u jekk dovut tikkalkula l-ammont. Ukoll jekk shared parenting ikunx possibli fil-każ.  Jekk le, x'tip ta' aċċess għall-minuri għandu jkun allokat.

Naturalment, jekk ikun hemm bżonn tibdil, wieħed ikun jista' jerġa' japplika biex ivarja u dejjem ikun hemm superviżjoni mill-Qorti tal-Familja fuq punt ta' dritt jew ta' fatt jekk jintlaħqu ċerti kundizzjonjiet.

Biex wieħed jifhem dan il-kunċett aħjar, jista' jqabblu mal-Awtorità tal-Ippjanar. Din għandha r-riżorsi kollha biex tagħmel il-politika dwar l-ippjanar, bħal ngħidu aħna, għandha nies tekniċi fis-suġġett.

Hi aktar aċċessibli għall-pubbliku u hi dejjem taħt is-superviżjoni tal-Qrati jekk ikun hemm bżonn. Kif f'din l-awtorità hemm il-periti tal-bini, hemm bżonn li jkun hemm il-'periti' tal-familja li jmexxu fil-każi msemmija. Din mhix xi idea tal-HPM4HC imma idea bbażata fuq esperjenza ta' pajjiżi oħra inkluż ir-Renju Unit.

## Proposti li jistgħu jsiru mill-ewwel

Minħabba li l-proposta ta' fuq hija ftit ambizzjuża u minbarra l-infrastruttra legal jkun hemm bżonn ħafna taħriġ, HPM4HC qed tagħmel dawn il-proposti li jistgħu isiru xi wħud minnhom mill-ewwel.

1. **Sistema aħjar ta' notifiċi fil-Qorti tal-Familja**

   Hemm bżonn jiġi msaħħaħ u mtejjeb il-mod ta' kif isiru n-notifiċi fil-Qorti tal-Familja. Irid isir iktar użu ta' mezzi elettroniċi biex in-notifiċi joħorġu b'mod effiċjenti.

2. **Riforma fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-familja**

   Ta' min ikun ikkonsidrat li l-Qorti tal-Familja tissaħħaħ u tiġi preseduta minn Imħallef u 2 esperti tal-familija bħal psikologu u terapista. Dan ta' min isir kemm għal digrieti, *in camera,* għal seduti u għal sentenzi finali.

L-Imħallef jieħu ħsieb l-affarijiet legali u l-kumplament isir bħala formazzjoni tal-partijiet in kwistjoni.

Tajjeb li jitwaqqaf Bord magħmul minn 2 psikoloġi (bi speċjalizzazzjoni dwar Tfal u *Parental Alienation*) u avukat. F'kawża bħal dik ta' separazzjoni li tinvolvi wkoll tfal minuri, qabel din tgħaddi għal-litigazzjoni fil-Qorti, jista' jkun dan il-Bord li fi żmien 3 xhur jistudja l-każ u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif għandha tkun il-*co-parenting*. Fil-każijiet fejn dan ma jkunx possibbli, jiġi stabbilit aċċess u manteniment diċenti skont il-każ.

Din l-idea tista' tiġi żviluppata permezz ta' proċess barra l-Qorti li jista' jgħin lill-ġenituri jsibu bilanċ bejniethom.

3. **Jiġi msaħħaħ iċ-Child Protection Services b'tali mod li jkun jista' jagħmel interventi fil-Qorti..**

   L-għerf u l-esperjenza fil-qasam tat-tfal jinsab fl-uffiċjali tad-direttorat maħluq għal dan il-għan. Mhux kull avukat jew Imħallef ikun studja u speċjalizza dwar it-tfal. Għalhekk toħroġ il-ħtieġa taċ-Child Protection.

4. **Tiġi mnedija liġi speċjalizzata dwar l-interessi tat-tfal li tirrikonoxxi b'mod ċar l-eżistenza tal-*parental alienation.***

   Il-kunċett ta' parental alienation għandu jiġi rikonoxxut mil-liġi ċivili u dik kriminali bħalma qed jiġri f'diversi pajjiżi Ewropej u madwar id-dinja. Bis-saħħa tal-liġi ċivili, addattata għall-każijiet li qed jiżviluppaw fi żminijietna, ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri applikabbli biex it-tfal ma jinqatgħux għal kollox mill-ġenitur imkasbar.

Studju serju taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, mill-aspetti diversi li jfassluh, jista' jwassal biex iż-żewġ ġenituri jingħataw l-aċċess għall-ulied skont kif ikun xieraq, u li l-aktar jaqbel għall-ġid tat-tfal.

5. **Riforma fil-Kodiċi Kriminali fl-Artikolu 338 LL dwar l-aċċess tat-tfal u l-Artikolu 338 Z dwar il-manteniment.**

   Ir-riforma trid issir biex żgur dawn il-dispożizzjonijiet tal-liġi jkunu konformi mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem. Per eżempju, f'każ ta' nuqqas t'aċċess jeħtieġ li jkun hemm kumpens ta' ħin ta' kwalità mat-tfal. F'każ ta' manteniment l-importanti li jkun imfassal b'mod li jagħmel sens għal kull parti involuti fil-kwistjoni. Id-detenzjoni għandha titneħħa kemm għall-aċċess kif ukoll għall-manteniment biex ikunu evitati l-possibilitajiet li dawn jintużaw bħala strumenti ta' litigazzjoni flok ta' soluzzjoni.

6. **Għandu jkun rikonoxxut mil-liġi li taffettwa lit-tfal li bħala pożizzjoni ġenerali tkun ikkonsidrata bis-serjetà t-trobbija ndaqs.**

   Għalkemm din mhix eskluża bil-liġi preżenti, hemm bżonn ta' intervent leġiżlattiv biex tinbidel il-mentalità kurrenti, aktarx konservattiva, tal-Ġudikatura u tal-professjoni legali. Jeħtieġ li naġġornaw għas-seklu 21 bl-effetti kollha li mixja taż-żmien ġabet magħha. Is-soċjetà ta' żmienna m'għadhiex iżżomm il-valuri li kienu espressi dari.

   F'każ ta' separazzjoni mhux bonarja, ir-regola għandha tkun li jiġi kkunsidrat li l-kura, il-kustodja u l-affidament għandu jkun konġunt awtomatikament, bla manteniment awtomatiku u bl-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni jinqasmu bejn il-ġenituri b'mod indaqs. Irid ikun xi wieħed mill-ġenituri li jara li jitlob għal xi bidla minn dan l-arranġament.

Imbagħad jinstemgħu r-raġunijiet validi u jsir rapport minn esperti. Ikun imiss lill-Qorti li taddatta l-affidament, u allura tistabilixxi manteniment, skont il-mezzi u x-xewqat tal-ġenitu skont il-każ.

Dan ifisser li sakemm ma jkunx hemm raġuni valida, stabilità hekk wara analiżi xierqa tal-każ, it-tfal iqattgħu 50% tal-ħin ma' kull ġenitur u kull ġenitur ikun responsabbli finanzjarjament għat-tfal matul dak iż-żmien. F'każ ta' affidament 50/50, manteniment ma jkunx bżonnjuż. B'hekk tintlaħaq ugwaljanza bejn il-ġenituri. Kif inhuma l-affarijiet bħalissa, il-Qorti ġeneralment tagħti l-affidament awtomatikament lill-omm u tordna lill-missier iħallas ilmanteniment.

7. **Proposta għal titjib fl-amministrazzjoni tal-proċeduri tal-familja**

Dan jista' jinkludi li l-ġbir tal-evidenza ma jsirx minn avukati li jipprattikaw u jidhru quddiem il-Qorti. Jistgħu jkunu uffiċjali maħtura direttament mill-Qorti li jirrispondu lill-Qorti direttament. Assistenti Ġudizzjari part-time għandhom mnejn iħallu lok għal konflitt ta' interess li għandu mnejn jaffettwa anke l-għażla u l-ħatra tagħhom.

Tajjeb li l-Qorti jkollha lista ta' esperti, bħal tobba, psikoloġi, psikjatri, esperti fuq *parental alienation*, social workers, u terapisti approvati.

Wasal iż-żmien li l-Ġudikatura u l-professjoni legali (l-Imħallfin, il-medjaturi u l-avukati) jiġu mħarrġa professjonalment biex ma jagħmlux ġudizzji bbażati fuq ideat sterjotipi li l-mara biss taf tieħu ħsieb it-tfal. Dawn għandhom ikunu mħarrġa dwar *parental alienation*.

Jeħtieġ li jitjiebu l-faċilitajiet fil-Qorti fejn ikun hemm minorenni, bħal fil-Qorti tal-Familja, li għandha tkun f'format differenti minn Qorti normali, u idealment fi blokka oħra. Meta t-tfal jinstemgħu, għandu jkun hemm trasparenza u jinstemgħu wkoll il-ġenituri.

**Konklużjoni**

Il-proposti li qed ikunu ssuġġeriti hawnhekk huma fost ħafna li qed ikunu msemmija u studjati f'diversi pajjiżi oħra. Bħalma lesti li nanalizzaw żviluppi f'oqsma oħra tas-soċjetà biex intejbu s-sitwazzjoni f'pajjiżna, hekk neħtieġu li nosservaw, nanalizzaw u nistudjaw kif xieraq dan il-qasam. Il-ħajja tat-tfal, fl-ambjent tal-familja, kemm jekk dak ideali u kemm jekk dak li jweġġa', tibqa' mmarkata mill-esperjenzi mgħixa. Ma nistgħux naħlu aktar ħin għax it-tfal tal-lum huma ż-żgħażagħ t'għada u l-adulti ta' ftit żmien ieħor. Dak li jseħħ illum jirrifletti dak li nistennew li jseħħ fis-snin li ġejjin. Int u jien, aħna responsabbli għas-soċjetà ta' pajjiżna.